KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa b' Urġenza tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 13/2024**

Data: It-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2024

Ħin: 17:00 hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Portelli Cascun | Sindku |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Izak Catania De Giovanni (17:14 hrs) | Kunsillier |
| Skużat/i: | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Ann Marie Gatt | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**13.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**13.2 MINUTI**

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:14 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 13.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**13.1.1** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien hemm erbà talbiet ta' apoloġija mingħand il-Kuns Ryan Ellul minħabba li jinsab imsiefer, mingħand il-Kuns Josianne Scicluna minħabba li kellha tattendi għall-kors, mingħand il-Kuns Adrian Tanti minħabba li kien għadu x-xogħol, u kif ukoll kellna korrispondenza mingħand il-Viċi Sindku Chev Darren Marmara. Fl-ittra tiegħu, il-Viċi Sindku fost l-oħrajn qal li fl-opinjoni tiegħu din il-laqgħa hija fażulla għaliex baqa ma ġiex fornut bir-'recording' tal-laqgħa. Huwa kompla billi appella sabiex din il-laqgħa ma ssirx. Finalment tenna li jekk din il-laqgħa kienet ser issir, qed jitlob li jiġi skużat għar-raġunijet li semma.

B'reazzjoni għal din il-korrispondenza, is-Sindku qal li huwa kien bagħat 'email' lill-Viċi Sindku fejn infurmah li wara li ra l-minuti, ma sabx dak li allega l-Viċi Sindku fil-laqgħa preċidenti. Huwa qal li kien talab lill-Viċi Sindku sabiex jibgħat lill-Kunsill dawk il-partijiet tal-laqgħa preċidenti, li ried jagħmel korrezzjoni fil-minuti fuqhom. Is-Sindku qal li ftit tal-ħin ilu ma kien irċieva l-ebda reazzjoni mingħand il-Viċi Sindku, ħlief issa permezz ta' din l-ittra.

Il-Kuns C Bonello talab li t-talbiet ta' apoloġija jitressqu waħda waħda, liema talba ġiet aċċettata.

Għaldaqstant, il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament it-talbiet ta' apoloġija ta' Kuns Ryan Ellul, Kuns Josianne Scicluna u Kuns Adrian Tanti.

Finalment ġiet imressqa għall-vot, il-korrispondenza bl-apoloġija tal-Viċi Sindku, liema talba m'għaddietx b'erbà voti kontra u astenzjoni waħda. Għaldaqstant, il-Viċi Sindku jiġi mniżżel bħala assenti.

Favur – Is-Sindku, Kuns Charles Bonello, Kuns Ray Deguara u Kuns M Lombardo

Astjena – Kuns I Catania De Giovanni

## 13.2 MINUTI

**13.2.1** Is-Sindku ppreżenta r-'recording' tal-laqgħa preċidenti fejn tali 'recording' jindika ċar li l-Viċi Sindku ma għamel l-ebda referenza għall-kwotazzjonijiet, u għaldaqstant it-talba tiegħu sabiex jitniżżlu l-emendi fil-minuti tal-laqgħa 11/2024, ma setgħux jigu mniżżla. Is-Sindku ppreżenta u qara dokument bit-titlu 'Direzzjoni mis-Sindku dwar emendi fil-minuti tal-Kunsill Lokali tal-Fgura' riferut bhala Dok 'A', fejn wara diskussjoni li qamet dwar dan is-suġġett, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7043/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 11/2024 bid-data 13 ta' Novembru 2024'.

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-laqgħa ntemmet fil-17:29 hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Ann Marie Gatt
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Data: 16 ta' Diċembru, 2024

Dok 'A'

**Direzzjoni mis-Sindku dwar emendi fil-minuti tal-Kunsill Lokali tal-Fgura**

Nirreferi ghal dak li gara f'numru ta' laqghat precidenti fejn kunsillieri diversi xtaqu jghamlu emendi fil-minuti tal-Kunsill Lokali.

Nigbed l-attenzjoni tal-mejda li skond il-ligi tal-Kunsilli Lokali (Kap 363), sabiex issir korrezzjoni fil-minuti, artiklu 14 tas-sitt skeda tipprovdi hekk :

14.(1) M'għandha ssir ebda diskussjoni fuq il-Minuti ħlief fuq il-preċiżazzjoni tagħhom. Korrezzjoni għall-Minuti għandhom isiru b'riżoluzzjoni u għandhom ikunu inizjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

(2) Il-korrezzjonijiet kollha għandhom jiġu inizjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fil-marġni, u kopji tal-Minuti kif korretti għandhom jingħataw lil kull Kunsillier.

(3) Il-kwistjonijiet li jkunu ġew korretti għandhom jiġu indikati b'mod ċar fil-Minuti ta' dik il-laqgħa meta dawk il-korrezzjonijiet ikunu ġew approvati.

(4) Ebda kwistjoni oħra fl-aġenda, kemm-il darba ma jkunx ġie deċiż xort'oħra mill-Kunsill, m'għandha tiġi diskussa u kkunsidrata kemm-il darba l-Minuti tal-laqgħa preċedenti ma jkunux ġew approvati u ffirmati:

Iżda l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jipproċedi bix-xogħol fl-aġenda mingħajr diskussjoni, konsiderazzjoni jew approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti **biss** jekk u meta l-laqgħa tkun laqgħa urġenti tal-Kunsill jew, meta l-Minuti ma jkunux għadhom ġew imħejjija minħabba f'ċirkostanzi li l-Kunsill jikkonsidra bħala raġonevoli, u l-Kunsill m'għandux jiddeċiedi dwar kemm ħaġa hi jew mhix raġonevoli kemm-il darba s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx għarraf kif dovut lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw iċ-ċirkostanzi għan-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-Minuti.

Dan l-artiklu jitkellem car li l-minuti tal-Kunsill iridu jigu approvati f'kull laqgha ordinarja tal-Kunsill hlief f'dawn ic-cirkostanzi:

1: Meta l-laqgha tkun wahda b'urgenza;

2: Meta l-minuti jkunu ghadhom mhux imhejjija minhabba cirkostanzi li l-Kunsill jiddecidi li huma ragonevoli;

Dan ifisser li jekk mhux ghac-cirkostanzi hawn fuq imsemmija, il-minuti tal-kunsill iridu jigu approvati f'kull laqgha ordinarja tal-Kunsill Lokali.

Sabiex nevitaw dak li gara fl-ahhar laqgha kif ukoll f'xi laqghat precidenti fejn il-minuti ma setghux jigu approvati minhabba xi dubji jew fejn kien hemm min ried jghamel emendi ghall-minuti u l-laqgha tal-Kunsill inzammet ghal ammont ta hin sabiex jigu fformulati dawn l-emendi, qed nghati din id-direzzjoni:

1: Meta naslu ghall-item, kull kunsillier ghandu d-dritt li jressaq dawk l-emendi li jidhirlu xierqa.

2: Dawn l-emendi jridu jkunu

A: bil-miktub;

B: b'indikazzjoni cara liema parti tal-minuti jridu jigu emendi u hawnhekk qed nirreferi ghan-numru tar-referenza li jkun hemm fil-genb tal-minuti fejn kull paragrafu;

C: dak li ser jigi mhassar, jizdied jew jinbidel irid ikun indikat car sabiex kull kunsillier iehor ikun jista jsegwi kif u fejn qed jigi propost li jsiru l-emendi

3: Kull diskussjoni fuq l-emendi tibda wara l-Kunsillier partikolari jkun ipprezenta l-emenda ezatta u bil-miktub li jixtieq iressaq;

Dan qed nghidu ukoll fid-dawl li sub artiklu 3 ta' artiklu 14 tas-sitt sekda jitlob illi fl-eventwalita ta' precizazzjoni tal-minuti tal-laqgha precedent, dawn il-korrezzjonijiet ghandhom ikunu indikati b'mod car fil-minuti ta' dik il-laqgħa meta dawk il-korrezzjonijiet ikunu ġew approvati.

Min issa l` quddiem, min ma jressaqx l-emendi b'dan il-mod kif qed jinghata, ebda proposta ghall-emenda fil-minuti ma tigi accettata mis-sedja.

**Clayton Cascun Portelli**

**Sindku**

16 ta' Dicembru 2024